MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 767/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**CHRISTINE SACCO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Christine Sacco, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 200788 (M).

**Akkuzata talli:**

1. Nhar il-25 ta` Marzu 2012 ghall-habta tas-saghtejn ta` filghodu (02:00hrs) gewwa Msida, ikkommettiet serq ta` elf, tlett mija u hamsa u tletin Ewro (€1, 335) fi flus kontanti ghad-danni ta` Abdelaziz Abdulkadir Adam,

detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 50392 A, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin u bil-persuna;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi rendiet ruha recidivista skont sentenza moghtija nhar id-19 ta` Frar, 2010, mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. L. Quintano, LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Kif ukoll talli nhar il-25 ta` Marzu filghaxija u/jew fil-granet u/jew xhur ta` qabel gewwa dawn il-gzejjer tlajjiet bi skop ta` prostituzzjoni.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 267, 268 (b), 269 (g), 45, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta` Malta u l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha ddebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imutata hatja kif akkuzata. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u precizament:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputata;

2. L-*improvement* tal-imputata matul l-iter ta` din il-kawza;

3. Ix-xhieda ta` Mrs Licari;

Hija temmen li piena karcerarja tkun ta` hsara kbira lill-imputata f'dan l-istadju ta` hajjitha, ghaldaqstant filwaqt illi ssibha hatja tikkundannaha ghal terminu ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur izda a tenur tal-artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li din is-sentenza ma tigix servuta sakemm l-imputata ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum li ghaliha pieni karcerarja.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------